VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 261 tal-2020

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi tal-Kummerċ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17 tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u n-Negozji ż-Żgħar, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi tal-Kummerċ u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaga waħda mar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 441.07.

Emenda tat-Taqsim tar-regolament.

2. Fit-Taqsim tar-regolamenti, il-kliem "Taqsima VIII Reati u Pieni 48 - 50", għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Taqsima VIII Negozjanti f'Metalli u Ħaġar Prezzjuż 48 - 57" u minnufih taħtha għandu jiżdied il-kliem "Taqsima IX Pieni u Reati 58 - 60".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "ċentru tas-swieq ta' prodotti tal biedja" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ċertifikat tal-pulizija" tfisser ċertifikat jew dikjarazzjoni komprensiva tal-pulizija, maħruġa minn awtorità nazzjonali tal-infurzar tal-liġi jew minn awtorità pubblika oħra responsabbli mill-kondotta kriminali, dwar l-istat tal-kondotta kriminali tar-rikorrent;";

(b) minnufih wara t-tifsira "kumpannija" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Korp għall Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt Att kontra *Money Laundering*;"; Kap.373.

(ċ) minnufih wara t-tifsira "mudell tan-negozju" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

VERŻJONI ELETTRONIKA

" "negozjant f'metalli u ħaġar prezzjuż" tfisser kwalunkwe persuna li tagħmel l-operazzjonijiet li ġejjin:

(a) manifattura ta' ġojjellerija u oġġetti relatati meta f'dan il-każ ikunu jikkonsistu minn;

(i) il-produzzjoni ta' perli maħduma;

(ii) il-produzzjoni ta' ħaġar prezzjuż u semi-prezzjuż fl-istat maħdum, inkluż il-ħidma ta' ħaġar ta' kwalità industrijali u ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż sintetiku jew rikostrutt;

(iii) il-ħidma ta' djamanti;

(iv) manifattura ta' ġojjellerija tal-metall prezzjuż jew ta' metalli bażiċi miksijin b'metalli prezzjużi, jew ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż, jew ta' kombinazzjonijiet ta' metall prezzjuż u ħaġar prezzjuż jew semi-prezzjuż jew ta' materjali oħrajn;

(v) manifattura ta' oġġetti minn arġentiera ta' metalli prezzjużi jew ta' metalli bażiċi miksijin b'metalli prezzjużi inklużi oġġetti għal użu reliġjuż;

(vi) manifattura ta' oġġetti tekniċi jew tal-laboratorju ta' metall prezzjuż (għajr strumenti u partijiet tagħhom):griġjoli, spatuli, anodi tal-elettrodi, eċċ.

(vii) manifattura ta' strixxi ta' arloġġi tal-idejn, ċineg tal-arloġġi tal-idejn, ċineg tal-arloġġi u kaxxi tas-sigaretti tal-metall prezzjuż;

(b) il-produzzjoni ta' metalli prezzjużi;

(ċ) bejgħ bl-imnut ta' arloġġi u ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u metalli prezzjużi fi ħwienet speċjalizzati fejn il-linja ewlenija ta' attività hija l-bejgħ ta' arloġġi, ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u/jew metalli prezzjużi;

(d) bejgħ bl-imnut ta' arloġġi u ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u metalli prezzjużi f'ħwienet fejn il-linja ewlenija ta' attività mhijiex il-bejgħ ta' arloġġi u ġojjellerija;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) bejgħ bl-ingrossa ta' arloġġi u ġojjellerija;

(f) bejgħ bl-ingrossa ta' deheb u metalli prezzjużi oħrajn;

(g) bejgħ bl-ingrossa ta' ħaġar prezzjuż;";

(d) minnufih wara t-tifsira "Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "sid benefiċarji" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu;"; u

L.S. 373.01.

(e) minnufih wara t-tifsira "sieħeb" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "soċjetà kummerċjali" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha taħt l-Att dwar il-Kumpanniji u għandha tinkludi kumpanija ffurmata u rreġistrata taħt l-Att dwar il-Kumpanniji;".

Kap. 386.

Iżid Taqsima ġdida mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara t-Taqsima VIIB tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied it-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA VIII
Negozjanti f'Metalli
u Ħaġar Prezzjuż

L-obbligu ta' ħruġ ta' liċenzji lin-negozjanti.

48. Mingħajr preġudizzju għar-regolament 9 u għal kwalunkwe liċenzja jew awtorizzazzjoni oħra meħtieġa taħt xi liġi oħra, l-ebda persuna ma għandha twettaq in-negozju ta' negozjant f'metalli u ħaġar prezzjuż wara l-1 ta' Jannar, 2021 sakemm ma tkunx id-detentur ta' liċenzja maħruġa taħt dawn ir-regolamenti:

Iżda kwalunkwe persuna li kienet irreġistrata mad-dipartiment tal-VAT sal-1 ta' Jannar, 2021 inkluż dakinhar u twettaq kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet elenkati taħt it-tifsira ta' negozjant f'metalli u ħaġar prezzjuż skont dan ir-regolament:

(a) tista' tkompli tagħmel dan sal-imsemmija data mingħajr il-ħtieġa ta' liċenzja ta' negozjar;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) għandha titqies li nħarġitilhom liċenzja mill-1 ta' Jannar, 2021 sakemm dik il-persuna ma tkunx informat lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ li ma tkunx lesta li tkun meqjusa b'dan il-mod u li mhux se tibqa' topera bħala negozjant;

(ċ) għandha titqies li tkun tat il-kunsens tagħha sabiex in-numru tal-liċenzja, l-isem tad-detentur tal-liċenzja u n-natura tal-attività kummerċjali tiġi ppubblikata skont ir-regolament 12;

(d) għandha tkun marbuta bil-kondizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti mill-1 ta' Jannar, 2021.

Applikazzjoni għal-liċenzjar.

49. (1) Għandha ssir applikazzjoni għal liċenzja ta' negozjar sabiex jitwettaq in-negozju ta' negozzjant f'metalli u ħaġar prezzjuż lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ fil-forma xierqa li għandha *inter alia* tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) indikazzjoni dwar jekk l-applikant huwiex kummerċjant għal rasu jew f'soċjetà kummerċjali;

(b) l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali tal-applikant u l-post prinċipali tan-negozju jekk applikabbli;

(ċ) l-ismijiet tal-persuni li effettivament imexxu n-negozju u l-operazzjonijiet u fil-każ ta' negozjanti għalrashomukoll l-ismijiet tas-sidien.

(d) l-attività kummerċjali li għaliha qiegħda ssir l-applikazzjoni.

(2) Meta n-negozju jkun soċjetà kummerċjali, il-formola għandha tinkludi ukoll:

(a) l-isem uffiċjali sħiħ u n-numru tar-reġistrazzjoni tas-soċjetà kummerċjali;

(b) id-data ta' inkorporazzjoni jew reġistrazzjoni tas-soċjetà kummerċjali;

(ċ) l-indirizz reġistrat jew il-post prinċipali tan-negozju tas-soċjetà kummerċjali;

(d) l-ismijiet u n-numri ta' referenza tal-identità tad-diretturi, l-imsieħba, is-segretarju tal-kumpanija u s-sidien benefiċjarji tas-soċjetà kummerċjali kollha:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) l-applikazzjoni għandu jkollha d-dokumenti li ġejjin:

(a) ċertifikat tal-pulizija, maħruġ mhux aktar minn xahar qabel id-data tal-applikazzjoni, tal-persuni li effettivament jmexxu n-negozju, tas-sid jew is-sidien tan-negozju u kif applikabbli tad-diretturi, l-imsieħba, is-segretarju tal-kumpannija u s-sidien benefiċjarji kollha; u

(b) dokument maħruġ mill-awdituri statutorji jew mid-ditti tal-awditjar responsabbli biex iwettqu l-awditjar tal-operazzjoni inkwistjoni li jindika din ir-responsabbiltà.

(4) Mingħajr preġudizzju għas-subregolamenti msemmija hawn fuq, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' titlob lill-applikant jissottometti aktar dokumentazzjoni u informazzjoni.

(5) Formola tal-applikazzjoni ma għandhiex titqies kompluta sakemm is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ ma tkunx irċeviet id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa li trid tiġi sottomessa flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

Kriterji ta' eliġibbiltà.

50. Sabiex persuna tkun eliġibbli għal liċenzja taħt din it-Taqsima, dik il-persuna għandha:

(a) ikollha 'il fuq minn tmintax (18)-il sena;

(b) ma tkunx instabet ħatja minn xi qorti jew tribunal kompetenti f'Malta jew barra minnha, ta' xi reat punibbli b'privazzjoni tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal massimu ta' aktar minn sena(1) jew, fil-każ ta' ġuriżdizzjonijiet li għandhom limitu minimu għal reati fis-sistemi legali tagħhom, kull reat punibbli b'ċaħda tal-libertà jew ordni ta' detenzjoni għal minimu ta' aktar minn sitt (6) xhur, ħlief omiċidju involontarju jew delitt skużabbli ieħor kontra l-persuna taħt il-Kodiċi Kriminali; u

Kap. 9.

(ċ) tkun, fl-opinjoni tas-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, persuna addattata u xierqa biex twettaq in-negozju ta' negozjant f'metalli u ħaġar prezzjuż wara li s-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tkun ikkunsidrat il-kondotta u r-reputazzjoni tal-persuna, u l-interessi tal-pubbliku:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda biex soċjetà kummerċjali tkun eliġibbli għal liċenzja skont dawn ir-regolamenti, id-diretturi, is-soċji, is-segretarju u s-sidien benefiċjarji għandhom jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà skont il-paragrafi (b) u (ċ).

L-ipproċessar tal-applikazzjoni.

51. (1) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha, mingħajr dewmien, tirrikonixxi li rċeviet applikazzjoni u l-ħlas għal-liċenzja applikabbli bil-miktub lill-applikant u għandha tispeċifika l-proċedura li taħtha rifjut mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' tiġi appellata taħt l-Att u r-regolamenti.

(2) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha fi żmien tlett (3) ijiem tax-xogħol mid-data li fiha tirċievi l-formola tal-applikazzjoni bl-informazzjoni obbligatorja kollha u d-dokumenti, tibgħat id-dettalji rilevanti kollha li jistgħu jinkludu kopja tal-formoli tal-applikazzjoni u d-dokumenti neċessarji lil kwalunkwe entità li tqis xierqa, għall-valutazzjoni u l-opinjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 49, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' fi kwalunkwe ħin qabel ma tieħu deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' liċenzja, titlob lill-applikant jissottometti aktar dokumentazzjoni u informazzjoni.

(4) Entità li tirċievi komunikazzjoni mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għall-opinjoni u l-valutazzjoni għandha, tipprovdi l-informazzjoni kollha mitluba lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ fi żmien għoxrin (20) jum tax-xogħol mid-data tal-irċevuta ta' applikazzjoni kompluta:

Iżda matul il-perjodu ta' għoxrin (20) jum tax-xogħol, l-imsemmija entità tista' teħtieġ aktar kjarifiki, informazzjoni u dokumentazzjoni addizzjonali f'liema każ l-għoxrin (20) jum tax-xogħol għandhom jgħaddu minn meta l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni msemmija jiġu pprovduti lill-imsemmija entità:

Iżda wkoll il-perjodu ta' għoxrin (20) jum tax-xogħol jista' fuq talba tal-entità jiġi estiż għal perjodu wieħed ta' mhux aktar minn għoxrin (20) jum tax-xogħol. Din l-estensjoni għandha tiġi nnotifikata lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qabel ma jiskadi l-ewwel perjodu ta' għoxrin (20) jum.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Jekk l-entità li tirċievi kommunika mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għall-opinjoni u l-valutazzjoni ma tweġibx fil-perjodi stabbiliti hawn fuq, l-entità għandha titqies li ma għandha l-ebda informazzjoni jew parir rilevanti fir-rigward tal-applikazzjoni tan-negozjant.

(6) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista':

(a) toħroġ il-liċenzja bi kwalunkwe kondizzjoni li tista' tqis xierqa; jew

(b) tirrifjuta l-applikazzjoni għal liċenzja:

Iżda meta tinħareġ xi liċenzja b' kundizzjonijiet, dawn il-kondizzjonijiet kollha għandhom jiġu speċifikati bil-miktub u għandhom jiffurmaw parti integrali mil-liċenzja.

(7) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' minn żmien għal żmien, tvarja jew tirrevoka kwalunkwe kundizzjoni imposta minnha jew tista' timponi kondizzjonijiet ġodda:

Iżda s-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ qabel ma tvarja jew tħassar kwalunkwe kondizzjoni jew iżżid oħrajn ġodda għandha tinnotifika lid-detentur tal-liċenzja bl-intenzjoni tagħha u titolbu jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum tax-xogħol:

Iżda wkoll wara l-perjodu msemmi ta' għoxrin (20) jum tax-xogħol is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha tiddeċiedi jekk għandhiex tipproċedi fit-tvarjar jew tħassir tal-kondjizzjoni fil-liċenzja filwaqt li tqis kwalunkwe sottomissjoni li setgħet irċeviet mid-detentur tal-liċenzja.

(8) Id-dispożizzjonijiet fis-subregolament (6) għandhom japplikaw fil-każ ta' tiġdid ta' liċenzja.

(9) Jekk tinħareġ liċenzja, din għandha tinħareġ b'referenza għall-kodiċi applikabbli maħruġa mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ:

(a) f'isem is-sid jew is-sidien tan-negozju elenkati fil-formola tal-applikazzjoni fejn in-negozju ma jkunx proprjetà tal-kumpanija;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) f'isem is-soċjetà kummerċjali fejn l-intrapriża għandha titwettaq minn sħubija kummerċjali:

Iżda il-liċenzja li tinħareġ ma tista tiġi trasferita.

Ir-rifjut ta' applikazzjoni għal liċenzja.

52. (1) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha tirrifjuta l-applikazzjoni jew it-tiġdid tal-liċenzja jekk ma tkunx sodisfatta li l-persuna li fuqha għandha tinħareġ jew tiġġedded il-liċenzja għall-kummerċ, jekk dik il-persuna tkun soċjetà kummerċjali, id-diretturi, is-soċji, is-segretarju tal-kumpanija u s-sidien benefiċjarji tagħha ma jissodisfawx il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti taħt ir-regolament 50.

(2) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' ukoll tirrifjuta l-applikazzjoni fuq il-bażi ta' kwistjonijiet f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti oħra li jistgħu jitqiesu neċessarji fiċ-ċirkostanzi partikolari.

(3) Id-deċiżjoni għar-rifjut tal-ħruġ ta' liċenzja għandha tkun akkumpanjata bir-raġunijiet għal dan ir-rifjut:

Iżda għal raġunijiet ta' sikurezza pubblika u sigurtà pubblika, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista ma tagħtix raġunijiet għar-rifjut:

(4) Kwalunkwe applikant li jħoss ruħu aggravat b'deċiżjoni tas-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ jista' jressaq appell quddiem il-Bord tal-Appelli tal-Liċenzar skont l-Att u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolamenti.

Meta l-applikazzjoni titqies bħala invalida.

53. (1) Applikazzjoni għandha titqies bħala invalida:

(a) meta ma jkunx fiha l-isem u d-dettalji ta' kuntatt tal-applikant;

(b) meta ma tinkludix, jew ma tkun nieqsa mill-informazzjoni u d-dokumentazzjoni previsti taħt is-subregolamenti (1) sa (3) tar-regolament 49;

(ċ) meta l-applikant ma jipprovdi l-ebda informazzjoni jew dokumenti mitluba fi żmien sittin (60) jum ta' xogħol:

Iżda applikant qabel l-iskadenza tas-sittin (60) jum tax-xogħol jista' jitlob estensjoni għal sittin (60) jum ieħor.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Meta tintalab estensjoni mill-applikant, l-applikazzjoni għandha titqies bħala invalida wara l-iskadenza tal-perjodu estiż ta' sittin (60) jum.

Annullament tal-liċenzja.

54. Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (6) tar-regolament 9, liċenzja biex jitwettaq in-negozju ta' negozjant taħt din it-Taqsima għandha titqies nulla *ab initio* jekk l-applikant ma jkunx mexa mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 49, 50 u 52.

Ir-revoka ta' liċenzja.

55. (1) Liċenzja taħt din it-Taqsima tista' tiġi revokata mis-Sezzjoni Licenzi tal-Kummerċ:

(a) fejn issir taf bix-xoljiment tan-negozju li fir-rigward tagħha tkun inħarġet il-liċenzja; jew

(b) fuq it-talba tal-persuna li nħarġet il-liċenzja f'ismu jew fuq it-talba ta' persuna awtorizzata biex taġixxi f'isimha. Din it-talba għandha ssir permezz tal-formola xierqa.

(2) Id-data effettiva tar-revoka fil-każ ta' xoljiment għandha tkun il-jum wara d-data tax-xoljiment tan-negozju in kwistjoni.

(3) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (1), il-liċenzja biex isir in-negozju ta' negozjant ta' metalli u ħaġar prezzjuż tista' tiġi sospiża jew ikkanċellata mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ:

(a) meta l-attività kummerċjali ma tibdiex l-operazzjoni skont il-liċenzja fi żmien tnax (12)-il xahar mill-ħruġ tagħha, jew tkun waqqfet in-negozju tagħha għal aktar minn sitt (6) xhur; jew

(b) meta l-attività kummerċjali ma tibqax tissodisfa l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' liċenzja inklużi l-kriterji ta' eliġibbiltà taħt ir-regolament 50; jew

(ċ) jekk fl-opinjoni tas-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, il-mod kif titwettaq l-attività kummerċjali tikser xi obbligi legali; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) fejn is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tkun infurmata mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li negozjant liċenzjat f'metall jew ħaġar prezzjuż ikun serjament, ripetutament jew sistematikament naqas milli jissodisfa l-obbligi tiegħu skont l-Att kontra *Money Laundering* jew ir- Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu; jew

Kap. 373.

L.S. 373. 01.

(e) jekk xi direttur, soċji, segretarju ta' kumpanija, jew sid benefiċjarju ta' negozjant liċenzjat f'metalli u ħaġar prezzjuż instab ħati ta' irregolarità jew kondotta ħażina.

(4) F'każ li liċenzja tiġi sospiża jew revokata, l-ebda rifużjoni tat-tariffi ma għandha tkun magħmula mis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ.

(5) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tista' tneħħi sospensjoni b'kondizzjoni li:

(a) jitneħħa kwalunkwe direttur, *manager,* jew sieħeb; jew

(b) l-għoti ta' prova ta' konformità ma' kull obbligu jew restrizzjoni imposta.

(6) Negozjant f'metalli jew ħaġar prezzjuż li jkollu l-liċenzja sospiża jew imħassra ma jistax jaġixxi f'dik il-kapaċità mid-data li fiha tidħol fis-seħħ is-sospensjoni jew it-tħassir:

Iżda s-sospensjoni ma tibqax fis-seħħ mid-data meta s-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tinnotifika lin-negozjant bil-miktub li hija sodisfatta li n-negozjant ikun osserva l-obbligi jew ir-restrizzjonijiet imposti.

(7) Is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha tippubblika avviż ta' sospensjoni jew kanċellazzjoni ta' liċenzja u avviż tat-tneħħija ta' sospensjoni ta' liċenzja fuq is-sit eletrroniku tagħha.

Il-validità tal-liċenzja.

56. (1) Liċenzja biex jitwettaq in-negozju ta' negozjant f'metalli u ħaġar prezzjuż għandha tiġġedded kull tliet (3) snin wara sottomissjoni mill-imsemmi negozjant għat-tiġdid:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda fil-każ ta' dawk in-negozjanti fil-metalli u l-ħaġar prezzjuż li jitqiesu li ġew liċenzjati mill-1 ta' Jannar 2021, skont ir-regolament 48, jistgħu fi kwalunkwe ħin wara Jannar 2021 ikunu meħtieġa mis-Sezzjoni Liċenzar tal-Kummerċ biex jipprovdu d-dettalji u d-dokumentazzjoni kollha li jridu jiġu pprovduti meta ssir applikazzjoni għal liċenzja ġdida:

Iżda wkoll fejn is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ tqis li n-negozjant ma jkunx konformi mal-kriterji ta' eliġibbiltà previsti taħt ir-regolament 50, is-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ għandha tirrevoka jew tissospendi l-liċenzja kif tqis xieraq.

(2) Applikazzjoni għat-tiġdid ta' liċenzja tista' ssir lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ mhux aktar kmieni minn tliet (3) xhur qabel id-data tal-iskadenza tal-liċenzja.

(3) Negozjant ma jistax ikompli jopera bħala negozjant sakemm ma jissottomettix applikazzjoni għat-tiġdid u l-liċenzja tiġġedded

Tibdil.

57. Fil-każ ta' soċjetà kummerċjali n-negozjant għandu, meta jkun hemm xi tibdil fil-kompożizzjoni tad-diretturi, fis-soċji jew is-sidien benefiċjarji, jinforma lis-Sezzjoni Liċenzi Kummerċjali fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol bil-bidla,".

5. It-Taqsima VIII tar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Emenda tat-Taqsima VIII tar-regolamenti prinċipali.

(a) it-titolu tagħha għandu jiġi sostitwit bil-kliem li ġej: "TAQSIMA IX"; u

(b) ir-regolamenti 48, 49 u 50 taħgha għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 58, 59 u 60 rispettivament.

6. Il-kategorija ta' tipi ta' attività kummerċjali li ġejjin għandhom jiġu mħassra mit-Taqsima I tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali:

Jemenda TaqsimaI tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

" 36.2 Manifattura ta' ġojjellerija u oġġetti relatati".

7. Fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-kliem "74.872 Irkantatur" għandu jiżdied dan li ġej:

Jemenda Taqsima II tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

VERŻJONI ELETTRONIKA

"24.41 Il-produzzjoni ta’ metalli prezzjużi

36.12 Manifattura ta’ ġojjellerija u oġġetti relatati

46.48 Bejgħ bl-ingrossa ta’ arloġġi u ġojjellerija.

46.72 Bejgħ bl-ingrossa ta’ deheb u metalli prezzjużi oħrajn

46.76 Bejgħ bl-ingrossa ta’ ħaġar prezzjuż

47.19 Bejgħ bl-imnut ta’ arloġġi, ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u metalli fi ħwienet mhux speċjalizzati fejn il-linja ewlenija ta’ attività mhijiex il-bejgħ ta’ arloġġi u ġojjellerija eżempju dipartimentali.

47.77 Bejgħ bl-imnut ta’ arloġġi, ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u/jew metalli prezzjużi fi ħwienet speċjalizzati fejn il-linja ewlenija ta’ attività hija l-bejgħ ta’ arloġġi, ġojjellerija, ħaġar prezzjuż u/jew metalli prezzjużi".